MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1738/2004

**Defranco Enterprises Ltd**

**vs**

**Andrew Calleja**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Settembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u disa' Liri Maltin u hames centezmi (Lm209.05), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 16 ta' Gunju 2004 u tal-mandat ta' qbid prezentat ma' l-avviz, u bl-imghax kummercjali mit-28 ta' Marzu 2003, li hija l-ahhar

data li fiha giet konsenjata merkanzija lill-konvenut, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u disa’ Liri Maltin u hames centezmi (Lm209.05), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid ipprezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------